**75 sena ilu...**

# IL-FESTI TA' MARIJA BAMBINA FL-ISLA 1921

Il-festi ta' Marija Bambina fl-Isla, fl-1921 bla dubju ta' xejn kienu festi kbar li ftit kien hawn bħalhom. Żgur li l-aktar ġurnata li baqgħet imfakkra u msemmija keinet dik ta' l-4 ta' Settembru. F'dan il-jum l-istatwa ta' Marija Bambina, fost numru kbir ta' Sengleani u Maltin, l-Arċisqof Mawru Caruana, assistit mill-Isqfijiet Ġwanni Camilleri u Anġlu Portelli, qiegħed il-kuruna tad-deheb fuq ras Marija Bambina, f'xhieda ta' l-imħabba li l-Maltin u fuq kollox is-Sengleani għandhom lejha, u b'wegħda li jibqgħu jgħarfuha għal dejjem bħala r-Reġina tagħhom.

Dawk iż-żminijiet il-Banda "L-Annunzjata" ta' Ħal Tarxien taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Żgħażugħ tagħha Lorenzo Gonzi, kienet qed issir magħrufa daqs l-aqwa baned ta' Malta u Għawdex. Lorenzo Gonzi, kellu ħafna minn dan il-mertu mhux biss għax kien bniedem iħobb ħafna l-mużika, iżda wkoll għax kien iddedikat kollu kemm hu għal din il-Banda, li għaliha kien iwettaq ħafna sagrifiċċji personali.

Fost il-programm li tħejja għal dik l-okkażjoni, kien hemm dak ukoll għall-festi esterni u f'dan il-programm ħadu sehem ghadd mhux ħażin ta' baned Maltin fosthom il-Banda "L-Annunzjata" Ħal Tarxien. Il-festi bdew minn żmien qabel iżda l-qofol tagħhom kienu dawk li saru bejn l-4 u t-8 ta' Settembru.

Milli jidher, dak iż-żmien, ir-relazzjonijiet bejn is-Sengleani u t-Tarxiniżi kienu tajbin tant li l-Banda 'L-Annunzjata" kellha x-xorti li għal dawk il-festi hekk kbar, tesegwixxi żewġ programmi, wieħed nhar it-Tnejn 5 ta' Settembru, l-għada tal-jum ta' l-Inkurunazzjoni u l-ieħor nhar il-Ħamis 8 ta' Settembru, Jum il-Festa. Fiż-żewġ okkażjonijiet li saru x-xatt tal-Belt La Sengle, il-Banda kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur tagħha, Lorenzo Gonzi.

Il-qofol tal-festi kien il-jum tat-8 ta' Settembru. Dan sar b'sodisfazzjon għal kulħadd. Il-festi intemmu f'nofs il-lejl u b'hekk inqatgħet ix-xewqa mhux biss tas-Sengleani imma tal-Maltin kollha inklużi t-Tarxiniżi li tant għandhom devozzjoni lejn Ommna Marija Santissma taħt it-Titlu ta' l-Annunzjata.

**Vincent Battistino**


SIGMA

Lenses and cameras

Availabe for all brands of SLR cameras

**Sole agents**

**Marken Enterprises Ltd.**

**132-134 Paola Square Paola**

**Tel: 677337 Fax: 802229**